MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 15/2008

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Schembri Infrastructures Limited (C 17388)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-Korporazzjoni li talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lil Korporazzjoni attrici s-somma ta’ elfejn, seba’ mija u sitta u disghin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€2,796.55), rapprezentanti danni kkawzati minnha f’taghmir tal-Korporazzjoni attrici, nhar is-26 ta’ Novembru, 2004 fit-Triq Tal-Barrani, Zejtun.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Lulju, 2006, bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta’l-istess ittra .

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li ecceppiet illi fil-konfront taghha d-domanda attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontrihom stante illi ghal allegati danni sofferti mill-Korporazzjoni, is-socjeta’ konvenuta u Diretturi u/jew impjegati taghhom ma kellhom ebda htija.

Ra x-xhieda tas-Surgent Maggur Curmi PS249, li fis-26 ta’ Novembru, 2004 kien mar rapprezentant tal-Korporazzjoni sabiex jaghmel rapport li kienu ntlaqtu xi *cables* minn taghhom fit-triq li taghti miz-Zejtun ghal tal-Barrani, fejn kienu qed jigu nstallati *traffic lights*. Kien zmien meta kienet ghamel hafna xita ghal granet shah.

Wara li ghamel investigazzjoni, irrizultalu li l-kuntrattur kien General Roads Services Limited ta’ Hal Far. Kien ikkomunika ma’ wiehed mid-Diretturi, certu Edward Schembri, u dan kien assuma r-responsabbilita’ tax-xogholijiet li kienu qed isiru f’dawk l-inhawi. Ikkonferma li Schembri kien qal li kienu nizlu l-*overseers*, sabiex jaghmlu l-marki, izda minhabba li kien ghamel il-maltemp, dawn il-marki kienu sparixxew. Izid ighid ukoll li Schembri kien qallu li kienu mxew ma’ xi marki li kien mal-hitan, pero’ rrizulta li l-*cables* kienu xi zewg (2) piedi ‘l boghod mill-marki u ghalhekk kienu spiccaw biex laqtughhom. Ighid ukoll li ma kienx ra marki mal-art.

Il-Korporazzjoni kienet ghamlet stima ghad-danni fl-ammont ta’ tmien mija u sebghin lira Maltin (Lm870), ekwivalenti ghal elfejn u sitta u ghoxrin Euro u hamsa u hamsin centezmi (€2,026.55), izda Schembri ma kienx dispost li jhallas dan l-ammont.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Formosa, li jokkupa l-kariga ta’ *Senior Distributio Ttechnical Officer* mal-Korporazzjoni u jikkonferma li f’xi zmien kienu sabu zewg (2) *cables* tal-*high tension* milqutin. Jikkonferma wkoll li l-marki kienu saru fit-8 ta’ Novembru minn Louis Cachia u Mark Cauchi u dawn kienu saru fuq il-hamrija bid-dritta mal-*cables*. Ighid ukoll li kienu wkoll isiru fuq il-hitan sabiex il-kuntrattur ikun jaf li ghandu jghaddi bid-dritta minhabba l-*cables* li kienu jinstabu taht. Huwa jzid jghid illi minkejja li

minn meta mar id-dawl fl-inhawi sakemm sabu l-hsara kienu it-8.30 ta' filghaxija. Ighid li l-*cables* ntlaqtu quddiem il-*fence* u jikkonferma wkoll li kien hemm *spot light* u li dan kien mixghul. Peress li kien hemm kullimkien maqlugh ma setax' jidhol u ghalhekk kien dahal wara l-*fence*.

Ra x-xhieda ta' Marco Cauchi li jokkupa wkoll l-kariga ta' *Senior Distribution Tradesman*. Jikkonferma li kien iltaqa' mal-Perit Mark Scicluna fit-8 ta' Novembru, 2004 sabiex jaghmel il-marki. Irrizultalu li kien ghad hemm marki mal-hajt, ghaliex wara kien hemm hamrija u ghalhekk peress li l-*cable* kien ghaddej bid-dritta mmarkaw fuq il-hitan minn naha l-ohra u biex ma jimmarkjawx fuq il-hamrija, kienu ghamlu l-marki fuq il-gebel. Ighid ukoll li kull kuntrattur huwa infurmat, u huwa obbligu tieghu, li jzomm zewg piedi u nofs fuq kull naha mill-*cable* qabel ma jibda jhaffer. Jikkonferma wkoll li x-xoghol kien qed isir fejn kien hemm l-*ispot lights*. Ighid li l-hsara saret fis-26 ta' Novembru, u f'dak l-inhawi kien hemm zewg (2) *high tension cables* u dawn kienu wiesgha madwar tlett (3) pulzieri. Imbaghad ikun hemm it-trinka, *slabs*, ramel u *tape*. Izid ighid ukoll li wara li kien hemm il-hsarat ma kienx nizel fuq il-post.

Ra x-xhieda ta' Louis Cachia li jokkupa l-kariga ta' *Senior Distribution Tradesman,* u cioe' jimmarka minn fejn ikunu ghaddejjin il-*cables*. F'dan il-kaz in partikolari, kien nizel fuq il-post ma' Mark Cauchi, flimkien mal-Perit Mark Scicluna, u spjegawlu minn fejn kien ghaddej il-*cable* u kienu ghamlu l-marki. Kienu ghamlu xi marki fuq il-gebel, peress li l-*cable* kien ghaddej dritt fuq il-hitan ghal gol-ghalqa u ghalhekk il-marki ma setghux isiru fuq il-hamrija u bdew jaghmluhom fuq il-gebel. Huwa jispjega illi jekk imbaghad dawn il-marki jmorru, kien fl-obbligu tal-kuntrattur li jikkomunika ma' rapprezentant tas-socjeta' konvenuta biex jerga' jsir l-immarkar. Sabiex jiddeterminaw jekk hemmx *cables* jew le, juzaw *metal detectors*.

Ix-xhud ighid li kien ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhar tnejn u tleitn (32) sena u jekk issiru xi hsarat ma kienx jinzel hu fuq il-post, izda kien jinzel il-*Foreman*.

Ra x-xhieda ta' Edward Schembri li huwa Direttur tas-socjeta' konvenuta u jispjega kif f'dak iz-zmien kienu qedghin iwessghu t-triq, u ghalhekk kienet kollha mharbta u kien hemm il-parti privata. Jikkonferma li kienu kkomunikaw mas-socjeta' attrici sabiex jaghmlulhom il-marki. Il-hsara kienet giet ikkagunata madwar metru/metru u nofs 'l boghod mill-marka. F'dan l-incident, kien hemm madwar zewg metri/zewg metri u nofs 'l boghod mill-marka u ma kienx hemm marki fejn giet ikkagunata l-hsara.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Il-Korporazzjoni attrici qiedgha titlob lil dan it-Tribunal sabiex is-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' elfejn, seba' mija u sitta u disghin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€2,796.55), rapprezentanti danni kkawzati minnha f'taghmir tal-Korporazzjoni attrici, nhar is-26 ta' Novembru, 2004 fit-Triq Tal-Barrani, Zejtun.

Huwa fatt stabbilit illi kien hemm diversi xogholijiet ghaddejjin f'din it-triq li jidher kienet kollha maqlugha. Kien ukoll perjodu ta' maltemp.

Dan huwa punt saljenti ghal dan il-kaz, ghaliex meta l-impjegati tal-Korporazzjoni gew biex jaghmlu l-marki, fejn kien hemm il-*cable* ghaddej fil-parti tal-art fejn kien hemm il-hamrija, kienu ghamlu l-marki fuq il-gebel, imbaghad komplew immarkaw fuq il-hajt u dan sabiex jindikaw li t-thaffir kellu jsir bid-dritta ma' dawk il-marki li kienu jinsabu fuq il-gebel, ghaliex il-*cables* kienu ghaddejjin bid-dritta taht il-hajt.

Is-surgent Maggur Curmi PS249 jikkonferma li Edward Schembri, in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta, kien ammetta mieghu li kienu laqtu dawn il-*cables*, pero' insista li ma kienx hemm aktar marki, minhabba li kien hemm il-maltemp u kienu mxew fuq il-marki li kien hemm mal-hajt.

Mhux ikkontestat li kienu saru marki fuq il-gebel, izda li dawn kienu marru u kienu baqghu dawk li kien hemm mal-hajt. L-ewwel nuqqas da parti tas-socjeta’ konvenuta kienet li baqghu ghaddejjin bix-xogholijiet, irrispettivament mill-fatt li m’ghadx kien hemm marki u dan il-fatt biss wahdu gie kkonfermat mix-xhieda ta’ Edward Schembri.

Is-socjeta’ konvenuta ttentat tikkonvinci lil dan it-Tribunal, li l-Korporazzjoni kienet qed tipprova tizvijaha, meta pprezentat zewg ritratti li kienu jindikaw il-post fejn saru l-marki u l-*cables* iddanneggjati.

L-ewwel ritratt esebit a fol 24 tal-process, tinsisti s-socjeta’ konvenuta, ittiehed minn wara, u mhux minn quddiem, izda l-persuna li hadet ir-ritratt Joseph Formosa, insista li bilfors kellu jiehu r-ritratt b’dan il-mod, peress li kien hemm kullimkien maqlugh u ma setax’ jidhol u ghalhekk kien dahal waral-*fence*.

Marco Cauchi ighid ukoll li kull kuntrattur huwa infurmat u huwa obbligu tieghu li jzomm zewg piedi u nofs fuq kull naha mill-cable qabel ma jibda jhaffer.

Minkejja li Schembri ammetta li kienu laqtu l-*cables*, jispjega li f’dan l-incident, kien hemm madwar zewg metri/zewg metri u nofs ‘l boghod mill-marka u ma kienx hemm marki fejn giet ikkagunata l-hsara.

Dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jiddetermina dawn il-kawzi fuq bazi ta’ probabilita’ u ghalhekk li ghandu jigi stabbilit ghal finijiet ta’ dina l-kawza hija jekk kienux marru l-marki jew addirittura ma kienux jezistu marki fejn effettivament intlaqtu l-*cables*.

Ir-rapprezentanti tal-Korporazzjoni jinsistu li kien fl-obbligu tas-socjeta’ konvenuta sabiex izommu d-distanzi obbligatorji mill-*cables* meta jkun ser isir thaffir.

Dwar il-marki, Louis Cachia, li kienu wiehed mill-*overseers*, jispjega li peress li l-*cable* kien ghaddej dritt

mill-hitan ghal gol-ghalqa, l-marki bilfors kellhom isiru fuq il-gebel, minflok fuq il-hamrija.

Izid ighid li jekk imbaghad dawn il-marki jmorru, kien fl-obbligu tal-kuntrattur li jikkomunika mar-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta, biex jerga’ jsir l-immarkjar, b’referenza ghal fatt li kien hemm maltemp fil-perjodu in kwistjoni u per konsegweza kienu marru l-marki.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-kuntrattur ghamel xi kuntatt mal-Korporazzjoni dwar din il-kwistjoni, izda huwa car li baqa’ ghaddej bix-xogholijiet.

Di piu’, gie kkonfermat li sabiex isiru dawn il-marki, jigi intuzat *metal detector* u ghalhekk il-probabilita’ li dan il-makkinarju ma jirregistrax il-lok minn fejn ikun ghaddej il-*cable* hija remota.

Il-provi prodotti mill-Korporazzjoni, fl-intier taghhom huma aktar konvincenti u dan ghaliex apparti li hemm ammissjoni da parti ta’ Schembri li kienet is-socjeta’ konvenuta li kienet laqtet il-*cables*, fl-istess waqt, mhux konvincenti t-tezi tal-konvenut li l-agir tieghu hu gustifikat peresss li ma kienx hemm marki.

It-Tribunal huwa aktar konvint li dak li sehh, sehh unikament minhabba li l-kuntrattur baqa’ jwettaq ix-xogholijiet, minghajr ma kellu identifikazzjoni cara tas-sit minn fejn kienu ghaddejjin il-*cables*, izda mexa fuq indikazzjoni li kellu bir-riskji li dan seta’ jgib u li fil-fatt gab, meta kellu kull opportunita’ li jaghmel kuntatt mal-Korporazzjoni sabiex jerga’ jsir l-immarkjar mill-gdid, izda baqa’ m’ghamilx dan.

Ghaldaqstant, f’dan id-dawl, it-Tribunal ihoss li l-verzjoni tal-Korporazzjoni hija l-aktar wahda konvincenti u del resto sostnuta mill-provi prodotti. L-ammont mitlub jirrizulta ukoll gustifikat u pruvat soddisfacjentement

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tal-Korporazzjoni attrici u jordna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ elfejn, seba’ mija u sitta

u disghin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€2,796.55), rapprezentanti danni kkawzati minnha f'taghmir tal-Korporazzjoni attrici, nhar is-26 ta' Novembru, 2004 fit-Triq Tal-Barrani, Zejtun tort tan-negligenza tal-istess socjeta' konvenuta bl-ispejjes a kariku tal-istess socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------